

# "Kwadru taż-Żwieġ Mistiku ta' Sta. Katarina mal-Bambin Ġesù"

Is-Sur Mario Fenech

Wieħed mill-kwadri li nsibu esebiti fil-Mużew tal-Arti fil-belt Valletta huwa dak li fih hemm ix-xena taż-Żwieġ Mistiku ta' Santa Katarina mal-Bambin Ġesu'.

Il-kwadru hu xogħol tal-artist Francesco Vecellio li kien għex bejn is-sena 1475 u s-sena 1560. Dan l-artist kien minn Pieve di Cadore fl-Italja u kien wieħed miż-żewġ artisti magħrufa fl-istess familja peress li ħuh Titian kien ukoll pittur magħruf.

Fil-kwadru li huwa ta' daqs medju, l-artist pinġa xena mill-isbaħ fejn l-erba' protagonisti li hemm fit-tila għandhom ħarsa sabiħa ta' safa flimkien ma' serenita' fuq wiċċhom.

Il-Madonna narawha bil-qiegħda bil-Bambin Ġesu' f'ħoġorha bid-drapp ta' kulur abjad taħt riġlejh. Marija qiegħda żżomm lill-Bambin



Ġesu' b'idejha t-tnejn filwaqt li qiegħda tressqu lejn il-qaddisa, li min-naħa tagħha qed iżżomm f'idha l-leminija l-id il-leminija tal-Bambin.

Filwaqt li lill-Madonna l-pittur pinġieha b'kuluri ċari fl-ilbies tagħha u bi drapp ta' kulur ħamrani nieżel minn warajha, lil Santa Katarina pinġieha bl-ilbies ta' kulur skur fl-isfond tal-kulur ikħal.

Interessanti huwa l-fatt li fil-kwadru jidher ukoll San Ġwann il-Battista bħala tarbija. Lil dan narawh iżomm f'idu l-faxxa tat-tħabbira tal-wasla tal-Messija filwaqt li l-ħarsa tiegħu hija merfuha 'l fuq lejn il-Bambin Ġesu'.

Dan il-kwadru minn dejjem kien meqjus bħala wieħed importanti tant li kien ġie akkwistat b'self minn kollezzjoni privata tas-Sur P.F. Bellanti fl-1928. Il-kwadru nxtara mill-Mużew fl-1946 u ġie esebit f'wirja mportanti bit-tema " Il-Madonna fl-Arti " li kienet saret fis-Seminarju l-Qadim tal-Imdina. Kwadru sabiħ ħafna li juri l-imħabba kbira li kellha Santa Katarina lejn il-Bambin Ġesu'.

*Il-festa t-tajba lil kulħadd.*

